22 ta' Frar, 1996

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL. D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Paul Stoner *et*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Diskriminazzjoni - Sess - Liberta' ta' Moviment - Dritt għall-Familja - Barrani - Ċittadin Malti - Mara ta' - Raġel ta'**

*Ir-rikorrent Paul Stoner, kien barrani, miżżewweġ lir-rikorrenta l-oħra ta' nazzjonalita' Maltija. L-intimati kienu qegħdin jesiġu li Paul Stoner iħalli l-Gżejjer Maltin. Ir-rikorrenti allegaw li b'dan l-intimati kienu qegħdin jiddisk' 'minaw kontra tagħhom a bażi ta' sess. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivi ddeċidiet li kienu ġew leżi dawn id-drittijiet fondamentali fı .konfront tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-kwistjoni kollha kienet tverti fuq id-dritt tar-rikorrent Paul Stoner għal-liberta' ta' moviment. Skond il-Kostituzzjoni l-mara ta' ċittadin Malti tgawdi l-liberta' ta' moviment daqslikieku hi stess kienet ċittadina Maltija. Ma jistax jingħad l-istess ħaġa fil-każ tar-raġel ta' mara Maltija, dan ma jgawdix, skond il-Kostituzzjoni, il-liberta' ta' moviment. Dan it-trattament differenti li tagħmel il-Kostituzzjoni fir-rigward tal-mara u 'ar-raġel ta' ċittadina Maltija jammonta għal*

*diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess. Id-diskriminazzjoni kienet tolqot negattivament liż-żewġ rikorrenti - ir-raġel għaliex id-dritt għal-liberta` ta' moviment kienu lilu nnegati fuq il-bażi tas-sess tiegħu u lill-mara, billi din kienet qiegħda tiġi svantaġġjata fil-konfront ta' rġiel Maltin li jiżżewġu nisa barranin.*

*Lanqas seta jingħad li tali diskriminazzjoni kienet ġustifikata bħala raġovoli f'soċjeta` demokratika. X'inhu raġonevoli f'soċjeta` demokratika għandu jitkejjel fil-qafas u sfond storiku tal-mument. Wara l-bdil fil-Kostituzzjoni u fil-liġi tal-familja ma setax jingħad li tali distinzjoni bejn il-mara u r-raġel kienet iżjed raġonevolment permissibbli f'soċjeta` demokratika.*

*Għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-artikolu 44 (4) (ċ) in kwantu jeskludi mil-liberta` tal-moviment ir-raġel barrani ta' mara Maltija, diskriminatorju, mhux konformi mal-Kostituzzjoni u leżiv tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.*

Il-Qorti:-

Ir-rikorrenti - ċittadin Ingliż u martu ċittadina Matlija - qed jikkontestaw id-deċiżjoni ta' l-intimati - awtoritajiet kompetenti - li ma jħallux lill-istess rikorrent Paul Stoner li jibqa' jgħix f'Malta. Huma qed jesiġu illi hu jħalli dawn il-Gżejjer, anke jekk meħtieġ forzatament. Ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti "tinibixxi" immedjatament lill-istess intimati milli jesegiwxxu l-minaċċja li jibagħtuh barra minn Malta u li tordna li jingħatalu l-*freedom of movement*. Ir-rikorrenti qed jallegaw li d-drittijiet fondamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja huma mminaċċjati mill-intimati. *Qed jitolbu ukoll protezzjoni ta' drittijiet fondamentali* oħra, fosthom id-dritt kontra d-diskriminazzjoni (artikolu 45 tal-Kostituzzjoni) *fis-sens li l-liġi Maltija dwar barranin tittratta b'mod*

differenti lir-raġel mill-mara;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *ppronunzjat is-segwenti sentenza* fid-9 ta' Ottubru, 1995. Din is-sentenza qed tiġi riprodotta biex jiġu rreġistrati l-konsiderazzjonijiet li *wasslu* lill-*Qorti* għall-konklużjoni li kien ġie leż id-dritt fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar ħajja familjari. Iddikjarat li nkiser l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dwar diskriminazzjoni fil-konfront ta' Evelyn Stoner. Il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti li l-intimati jiġu inibiti milli jesegwixxu l-ordni ta' tkeċċija kontra r-rikorrenti Paul Stoner. Is-sentenza tgħid hekk:

"Rat ir-rikors li permezz tiegħu ir-rikorrenti ppremettew illi Paul Stoner, ta' nazzjonalita` Ingliża fit-3 ta' Ottubru, 1991 iżżewweġ lil Evelyn Stoner nee` Borg u qiegħed jgħix magħha bil-ħsieb komuni li jifforma familja f'Malta;

Illi l-esponent Paul Stoner ilu Malta ċirka ħames snin;

Illi huwa għandu pendenti applikazzjoni għall-*freedom of movement* (OPM/Exp/1215/88);

Illi reċentement huwa qed jiġi mhedded mill-awtoritajiet tal-Pulizija li ser jiġi ddeportat, jew b'xi mod ikun espuls minn Malta;

Illi dawn il-minaċċji u l-possibilita` li javverraw ruħhom, jikkostitwixxu ksur tad-dritt fondamentali tat-tgawdija tal-ħajja familjari taż-żewġ esponenti. L-istess jingħad għall-fatt li għad ma ngħatalux il-*freedom of movement*;

Talbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet biex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet ikkontemplati fl-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, fosthom li tinibixxi immedjatament lill-intimati milli jesegixxu l-minaċċja li jibagħtu lill-esponent Paul Stoner barra minn Malta u li tordna li jingħatalu l-*freedom of movement* u li tagħti ordni provvisorja esegwibbli immedjatament, fis-sens ta' l-inibizzjoni tal-ħruġ minn Malta ta' l-esponent Paul Stoner;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati a fol. 6;

Rat ir-rikors l-ieħor tar-rikorrenti a fol. 53 u r-risposta ta' l-intimati a fol. 78;

Rat il-verbal a fol. 85 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

Bħala fatti jirriżulta li r-rikorrent Paul Stoner fl-1987 kien ingħata AIP biex jixtri post f'Malta. Fil-fatt xtara villa. Imbagħad f'Marzu, 1988 kien applika għal *residence permit* u f'Diċembru ta' l-istess sena dina l-applikazzjoni ġiet miċħuda;

F'Marzu, 1990 ir-rikorrent iżżewweġ lil Maria Anna Cutajar

u f'Ġunju ta' l-istess sena applika għall-*exempt person status*. *F'Ottubru ta' l-istess sena, dina t-talba ġiet miċħuda stante l-oġġezzjoni li kien hemm ta' Diċembru, 1990.* Inħarġet ordni f'dana s-sens f'Jannar, 1991 u r-rikorrent ġie infurmat biha;

F'Lulju, 1991 ir-rikorrent iddivorzja lil Maria A. Cutajar u f'Ottubru ta' l-istess sena żżewweġ lil Evelyn Borg, ir-rikorrenti l-oħra;

Fi Frar, 1992 ir-rikorrenti reġa' applika għall-*exempt person status* u dina ġiet miċħuda f'Jannar, 1993 fil-mori tar-rikors (ara fol. 149);

Illi fil-perijodu meta r-rikorrent għamel it-tieni applikazzjoni għall-*exempt person status* u qabel ma ġiet miċħuda f'Jannar, 1993, hu ppreżenta r-rikors odjern fejn allega li hu kien qed jiġi mhedded mill-Awtoritajiet tal-Pulizija li jiġi ddeportat u tali minaċċji u l-possibilita' li javverraw ruħhom jikkostitwixxu ksur tad-dritt fondamentali tiegħu tat-tgawdija tal-ħajja familjari u l-istess jingħad għall-fatt li għad ma ngħatalux il-*freedom of movement*;

Għalhekk ir-rikorrenti talbu:

Li tinibixxi immedjatament lill-intimati milli jibagħtu lir-rikorrent Paul Stoner barra minn Malta;

Tordna li jingħatalu l-*freedom of movement*;

Li toħroġ ordni provvisorja esegwibbli immedjatament biex Paul Stoner ma jintbagħatx barra minn Malta;

L-intimati kienu wieġbu li huma ma kienu imminaċċajw lil ħadd u li anzi kienu infurmaw lir-rikorrent li kienu se jistennew l-eżitu ta' l-applikazzjoni li r-rikorrent allega li għamel għall-estensjoni tas-soġġorn tiegħu Malta; fit-tieni lok m'hemmx lok għall-ħruġ ta' inibizzjoni u se mai l-Qorti mhix kompetenti li tordna ħruġ ta' *freedom of movement*; finalment, iż-żwieġ per se ma jipprekludix l-espulsjoni tar-rikorrent;

Xi ġranet wara r-rikorrenti għamlu rikors ieħor fejn qalu li l-fatti li taw lok għar-rikors preċedenti, barra li jikkostitwixxu ksur tad-dritt fondamentali għall-ħajja familjari, jikkostitwixxu ukoll ksur tas-segwenti drittijiet fondamentali:

Id-dritt għall-protezzjoni kontra diskriminazzjoni (artikolu 45 tal-Kostituzzjoni) fis-sens li l-liġi Maltija dwar barranin titratta b'mod differenti lir-raġel mill-mara;

Id-dritt għall-protezzjoni tal-liberta` ta' moviment (artikolu 44 tal-Kostituzzjoni) fil-konfront tar-rikorrenta Evelyn, billi jekk Paul Stoner jiġi mkeċċi minn Malta, hija tiġi furzata li titlaq miegħu u ma jkollhiex dritt li tibqa' Malta;

Id-dritt għall-proċeduri quddiem Qorti biex jiddeterminaw id-drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili (artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja) għax skond il-liġi ta' Malta ma jeżisti ebda makkinarju ġuridiku li jassigura li d-drittijiet u l-obbligi tar-rikorrenti jiġu determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali;

B'risposta l-intimati qalu li:

*Li l-liġi Maltija ma tiddiskriminax* bejn raġel u mara u d-differenza apparenti għandha ġustifikazzjoni raġonevoli f'soċjeta' demokratika b'konnotazzjonijiet tradizzjonali, storiċi, ekonomiċi, ċivili u soċjali;

M'hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għall-protezzjoni tal-liberta' tal-moviment tar-rikorrenti Evelyn Stoner billi hi għandha dritt li titlaq jew tibqa' Malta u meta żżewwġet lil Paul Stoner kienet taf jew setgħet tkun taf li żewġha kien soġġett skond il-liġi għat-tkeċċija forzata minn Malta;

Ir-rikorrenti ma jistgħu jivvantaw l-ebda *dritt jew obbligu ċivili* li jrid jiġi determinat, stante li kull Stat, a bażi tal-prinċipju ġenerali stabbilit fid-Dritt Internazzjonali, għandu d-dritt esklussiv li jikkontrolla d-dħul, ir-residenza u l-espulsjoni tal-barranin u l-espulsjoni ta' barranin għar-raġunijiet ta' sigurta' jew xi raġuni oħra rrikonoxxuta mil-liġi, hija *Act of State* li taqa' fl-isfera pubblika li tesorbita kompletament xi kwistjoni dwar jekk hemmx jew le determinazzjoni ta' xi dritt jew obbligu ċivili jew addirittura ta' xi akkuża kriminali;

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li d-deċiżjoni ta' l-intimati li jordnaw lir-rikorrent Paul Stoner jitlaq minn Malta tinterferixxi mal-ħajja privata u famlijari tiegħu taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan l-artikolu jipprovdi:

"1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.

2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the

law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder of crime, for the protection of health and morals, or the protection of the rights and freedoms of others."

(Ara European Convention Act Ch. 319 u Sez. 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta);

Ir-rikorrenti jridu jipprovaw li teżisti ħajja familjari bejniethom u l-istat, f'dan il-każ l-intimati, jridu jippruvaw li hemm raġunijiet serji għaliex il-presunzjoni ta' ħajja familjari għandha tiġi ddisturbata;

L-istat għandu dritt li jikkontrolla d-dħul, ir-residenza u l-espulsjoni ta' barranin fit-territorju tiegħu, basta ma jiksirx id-drittijiet fondamentali ta' dawn il-barranin;

Skond il-limitazzjonijiet li hemm fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni msemmija, il-Qorti trid teżamina jekk l-ordni biex Paul Stoner jitkeċċa minn Malta kinitx entro l-limitazzjonijiet imposti fil-paragrafu 2 u ċjoe' jekk l-ordni kinitx *in accordance with the law*; jekk kinitx diretta lejn *one or more of the legitimate aims listed* u jekk kinitx *necessary* għar-realizzazzjoni ta' dawk l-għanijiet *in a democratic society*;

L-intimati qed jissottomettu li skond il-Liġi, u partikolarment, l-*Immigration Act* Ch. 217 artikolu 4(2):

"The Prime Minister may by Order to be notified to any person referred to in paragraphs (g) and (h) of subsection (1) thereof, not

being a person to whom paragraphs (a) to (f) of subsection (1) hereof may refer, declare such person to be no longer an exempt person, if the Prime Minister is satisfied that the grant of such an exemption to such person is not in the public interest and upon the issue of such an Order the provision of Part III of this Act shall apply to such person.

(3) The Prime Minister shall not be required to assign any reason for the issue of any Order referred to in subsection (2) of this section and the decision of the Prime Minister on any such Order shall not be subject to appeal or to review in any Court";

L-intimati qed jikkontendu li skond il-liġi, l-ordni tal-Prim Ministru li Paul Stoner mhux aktar ***exempt person*** mhix appellabbli u lanqas hemm bżonn li tingħata raġuni għaliex ittieħdet dika d-deċiżjoni. L-intimati qed isostnu li hemm presunzjoni li l-ordni ħarġet ***in the public interest***;

Dwar ir-***reasonableness*** ta' deċiżjoni u l-użu jew abbuż ta' diskrezzjoni, il-Qrati Ingliżi jsegwu dawn il-prinċipji:

"the discretion of a statutory body is never unfettered. It is a discretion which is to be exercised according to law. That means at least this: the statutory body must be guided by relevant considerations and not by irrelevant. If the decision is influenced by extraneous considerations which it ought not to have taken into account, then the decision cannot stand. **Lord Denning (Padfield *vs* Minister of Agriculture, Fisheries and Food (1968) AC 977; Breen *vs* Amalgamated Engineering Union (1971) 2 QB 175 at 190; Secretary of State for Employment *vs* Aslef (no. 2) (1972) 2 QB 455 at 493; Secretary of State for Education and**

**Science *vs* Tameside Metropolitan Borough Council (1977) AC 1014;**

Another potententially significant aspect of the **Padfield** case was that the House of Lords refused to accept that the Courts' control could be evaded by omitting to specify the grounds of decision";

Ġie deċiż diversi drabi, kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li:

"It is not (European Courts or Commissions) role to take the place of the competent national authorities, but rather to review whether, in the exercise of their functions, those authorities acted outside what might reasonably be expected of them under article 8 of the Convention in ensuring the right or respect for family life.

The right of a foreigner to enter or reside in a particular country has not been laid down in the Convention, but the immigration policy of the Contracting States, has to be in conformity with their obligations under the Convention. Thus, *the exclusion of a person* from a country in which his close relatives reside may raise an issue under article 8" (ikkwotat f'para. 36 fol. 232 *tal-proċess*);

"As a matter of well-established *international* law and subject to its treaty obligations, a State has the right to control the entry of non-nationals into its territory. However, *their decision* to this field must, in so far as they may interfere with a right protected under paragraph 1 of article 8, be necessary in a democratic society, that is to say, justified by a pressing social need and, in particular, proportionate to the legitimate aim pursued" (ikkwotat f'para. 74 fol. 252 tal-proċess);

"Refusal of admittance or the expulsion of a husband or wife has constantly been held by the European Commission for Human Rights not to conflict with article 8 if the other partner has the opportunity to follow the person concerned abroad and this can reasonably be required of him or her. Obviously the Commission does not wish to thwart the national policy in this respect too much, in particular when that policy is apparently intended to restrict pseudo-marriages or marriages which were contracted at a moment when the partners were fully aware of the risk that one of them would not be admitted or would be expelled";

(Van Dijk and Van Hoof, Theory & Practice of the European Convention on Human Rights, p. 386-387 u para. 43 fol. 233 tal-proċess);

Fil-każ in eżami jirriżulta li r-rikorrent Paul Stoner fl-1990 kien iżżewweġ lil Maria Anna Cutajar, mara Maltija, u fl-1991 hu ddivorzjaha u reġa' żżewweġ, dina d-darba lir-rikorrenti l-oħra Evelyn Stoner li minnha kellu tarbija li twieldet fl-1994 (ara fol. 274);

Ir-rikorrent kien jiġi Malta fuq bażi regolari kull tliet xhur fuq *tourist visa* mill-1985 'l hawn u ġie xi tnejn u erbgħin (42) darba. Hu kien applika għall-A.I.P. u ngħatalu u xtara villa Malta. Imbagħad applika għal ***residence permit*** iżda ġie rrifjutat l-***exempt persons status*** li applika għalih. L-ordni ta' rifjut ħareġ fis-16.1.91 (ara fol. 100);

Mill-provi prodotti jirriżulta li kien hemm legami bejn ir-rikorrent u Evelyn Stoner li spiċċa f'għaqda ta' żwieġ, minn liema għaqda twieldet tarbija - fil-mori tar-rikors. Ma ġiex ippruvat li

dan kien xi żwieġ ta' konvenjenza u lanqas ta' qablu. Kieku r-rikorrent ma kienx iddivorzja lil Cutajar kieku kien żwieġ ta' konvenjenza. Anzi mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrenti għandhom id-dar tagħhom, relazzjonijiet mal-familjari tagħhom, il-ħbieb tagħhom, jgħixu ħajja komuni u miż-żwieġ tagħhom twieldet tarbija;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li kien hemm *a real and effective family tie between applicants* li għandha tiġi protetta;

La darba ġie stabbilit li *de facto* kien hemm ħajja familjari bejn ir-rikorrenti, il-Qorti trid tara jekk l-Istat ġabx raġunijiet serji għaliex interferixxa fil-ħajja familjari tar-rikorrenti;

M'hemmx dubbju li l-intimati qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq lil-liġi. Saret referenza għall-*Immigration Act* Ch. 217 Sec. 4 (2) u (3) u għall-Sec. 34 (j) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk l-ordni kienet *in accordance with the law*;

Dwar it-tieni rekwiżit, jista' jingħad li mill-provi prodotti ma tirriżulta ebda raġuni għaliex *l-intimati kellhom joħorġu l-ordni* biex ir-rikorrent jiġi mkeċċi minn Malta. L-Ispettur Cilia xehed li l-imputat qatt ma tressaq il-Qorti fuq akkużi kriminali. Lanqas m'hemm xi allegazzjoni li hu kellu x'jaqsam ma' pussess jew traffikar ta' drogi. Mill-provi rriżulta biss li kienu ntbagħatu tliet ittri anonimi (*dates*) - li ma ġewx esebiti - rigwardanti attivita' tar-rikorrent. Issemma li l-imputat kien jaħdem mingħajr permess iżda r-rikorrent kien applika għall-permessi neċessarji iżda dina qatt ma ngħatat bħala r-raġuni għaliex hu kien ser jiġi mkeċċi;

Mill-bqija m'hemm ebda indikazzjoni għaliex ir-rikorrenti għandu jitkeċċa minn Malta jew li hu fl-interess pubbliku li jitkeċċa;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-intimati ma ndikaw l-ebda raġuni għaliex kellhom japplikaw il-limitazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-artikolu 8 rigwardanti *the purpose of the measure*;

In vista ta' dina l-konklużjoni l-Qorti ma tistax tidħol u lanqas għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni l-oħra jekk kienx hemm *pressing social need* jew jekk l-ordni kienet *proportionate to the legitimate aim pursued*;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-intimati ma ppruvawx l-eżistenza ta' raġunijiet serji biex jegħlbu l-presunzjoni favur l-eserċizzju tad-dritt fondamentali tal-ħajja familjari;

Ir-rikorrenti Evelyn Stoner qed tilmenta dwar ksur tad-dritt fondamentali tagħha għall-protezzjoni tal-liberta` ta' moviment billi jekk Paul Stoner jiġ mkeċċi minn Malta hija tiġi furzata li titlaq miegħu minn Malta u ma jkollhiex **dritt ta' moviment liberu ġewwa Malta, id-dritt li tirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li toħroġ minn Malta u d-dritt li tidħol Malta.** Ix-xelta li għandha hi jew li titlaq minn Malta jew tfarrak il-familja;

L-intimati rriferew għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sens li: "the deportation of a married person does not interfere with his family life when the spouse has the possibility of following him" (D 7031/75 (Swi) 12.7.76 6/124; u D 7729/76 (Agee) 17.12.76 7/164);

Għalkemm dak li ssottomettew l-intimati huwa veru, iżda fiċ-

ċirkostanzi preżenti billi dina l-Qorti qed issib li nkiser id-dritt fondamentali tar-rikorrent għall-ħajja familjari, mhux il-każ li l-Qorti toqgħod tidħol fil-kwistjoni jekk hemmx il-possibbilita` li r-rikorrenti Evelyn Stoner issegwi lil żewġha jew le;

Ir-rikorrent qed jissottometti li l-ordni maħruġa kontra Paul Stoner hi bi ksur tad-dritt għall-proċeduri quddiem Qorti biex jiddeterminaw id-drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili għax skond il-liġi ta' Malta ma jeżisti ebda makkinarju ġuridiku li jassigura li d-drittijiet u l-obbligi tar-rikorrenti jiġu determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali;

L-intimati ssottomettew li l-ordni maħruġa ma tirrigwardax "determination of civil rights and obligations" tar-rikorrent;

Il-Kummissjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem ikkunsidrat l-applikabbilita` ta' l-artikolu 6 (1) għall-proċeduri rigwardanti d-dħul jew tkeċċija ta' barranin u deċiżjonijiet kienu fis-sens li l-artikolu 6 (1) ma japplikax għal dawn il-proċeduri. Hekk per eżempju:

"Proceedings concerning a request for a residence permit or those concerning deportation of an alien do not indue a determination of a civil right D 8244/78 (Uppal et al. /U.K. 2.5.79, 17/149);

(Article 6 (1)) Not apllicable to the procedure for expulsion of an alien.

D 8118/77 Omkaranda/Swi 19.3.81, 25/105

D 9990/82 Bozano/Fra 15.5.84, 39/119

(Article 6 (1)) Not applicable to proceedings concerning residence permits for aliens.

D 9285/81 (UK) 6.7.82, 29/205

(Article 6 (1)) Not applicable to proceedings concerning a person's nationality: such proceedings do not determine either civil rights and obligations or a criminal charge.

D 13325/87 (Swi 15.12.88, 59/256";

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma kienx hemm ksur ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi m'għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha";

Ir-rikorrenti Evelyn Stoner qed tissottometti li l-liġi Maltija dwar barranin tittratta b'mod differenti lir-raġel mill-mara. Hi spjegat ruħha hekk: L-artikolu 25 (1) u 22 (1) tal-Kostituzzjoni jistabbilixxu min hu ċittadin Malti, imbgħad l-artikolu 44 (4) (ċ) jgħid: "Għall-finijiet ta' dan l-artikolu kull persuna ... li tkun mara ta' persuna ... li jkun ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 22 (1) jew 25 (1) ta' dina l-Kostituzzjoni u li tkun qed tgħix ma' dik il-persuna ... għandha titqies li tkun ċittadina ta' Malta bis-saħħa ta'

l-artikolu 22 (1) jew 25 (1) ta' din il-Kostituzzjoni";

Jiġifieri li mara barranija li tiżżewweġ Malti, tista' ssir ċittadina Maltija bis-saħħa tal-liġi, iżda raġel barrani li jiżżewweġ mara Maltija, bl-istess liġi, ma jistax isir ċittadin Malti. Għalhekk il-Kostituzzjoni qed tiddiskrimina;

L-intimati ssottomettew li dina mhix diskriminazzjoni imma trattament differenti u li hemm ġustifikazzjoni raġonevoli f'soċjeta' demokratika b'konnotazzjonijiet tradizzjonali, storiċi, ekonomiċi, ċivili u soċjali;

Inoltre r-rikorrenti Evelyn Stoner kompliet tissottometti li hemm diskriminazzjoni ukoll fl-*Immigration Act* Ch. 217 fis-sens li għalkemm l-artikolu 4 (1) jgħid li d-disposizzjoniijiet tat-Taqsima 111 (Immigranti Projbiti) ta' dan l-Att ma japplikawx għal kull persuna - (1) li hija ċittadina ta' Malta; jew (ġ) li hija r-raġel jew il-mara ta' xi persuna msemmija f'xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel dan u mhijiex qiegħda tgħix separata mill-parti l-oħra bis-saħħa ta' sentenza ta' Qorti kompetenti jew ta' att ta' firda u billi skond il-Kostituzzjoni raġel barrani li jiżżewweġ mara Maltija ma jistax jitqies ċittadin Malti, mela fejn fis-subartikolu hemm il-kelma *spouse* dina qed tirreferi għall-mara mhux għar-raġel. Konsegwentement hemm diskriminazzjoni hemmhekk ukoll;

Il-Qorti ma taqbilx ma' dina l-aħħar konklużjoni. It-test Malti ta' l-artikolu 4 (1) (ġ) jitkellem dwar mara jew raġel għalhekk m'hemmx lok ta' interpretazzjoni billi t-test Malti hu ċar biżżejjed. Dana jfisser li l-artikolu ma jiddiskriminax għal dak li jirrigwarda *exempt persons*, iżda hu in konflitt ma' l-artikolu 44 (4) (ċ). Taħt l-artikolu 4 (1) (ġ) Paul Stoner għandu jkun intitolat għall-*exempt*

*person status* billi hu r-raġel ta' ċittadina Maltija u m'hemm xejn u ma ġie ppruvat li hemm xejn, li ma jikkwalfikahx għal dana l-*istatus*. Inoltre Stoner lanqas m'għandu bżonn ta' liċenza biex jaħdem billi s-subartikoli (d) u (e) ma japplikawx għalih;

Dwar l-ewwel sottomissjoni ta' Evelyn Stoner f'dana r-rigward, il-Qorti taqbel li fil-konfront ta' raġel u mara Maltija - *vis a vis* il-konjuġi barranin tagħhom - il-Kostituzzjoni tiddiskrimina, billi ma tagħtihomx l-istess drittijiet, billi r-raġel Malti li jiżżewweġ barranija għandu aktar drittijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċittadinanza u residenza. Fil-każ tar-rikorrenti Evelyn Stoner, id-dritt tagħha għal residenza f'Malta jista' jiġi mċaħħad għax Paul Stoner ma jikkwalifikax taħt l-artikolu 44 (1) (ċ) tal-Kostituzzjoni u għal dak li jirrigwarda ċittadinanza, mara barranija li tiżżewweġ Malti *shall be deemed to be a citizen of Malta* mentri Evelyn Stoner ser tkun żvantaġġata għax ir-raġel tagħha ma jistax jiġi hekk meqjus;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li ġie leż id-dritt fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar ħajja familjari u għalhekk l-intimati huma inibiti milli jesegwixxi l-ordni ta' tkeċċija kontra r-rikorrent Paul Stoner;

Li mhux il-każ li jiġi kkunsidrat id-dritt tal-*freedom of movement* tar-rikorrenti Evelyn Stoner taħt l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni in vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq;

Tiddikjara li nkiser l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dwar diskriminazzjoni fil-konfront ta' Evelyn Stoner;

*Tiddeċidi li s-sejba ta' ksur taħt l-artikolu 32 (ġ) u 45 u l-fatt* li ma ntalbux danni hu biżżejjed bħala *just satisfaction*;

Dwar it-talba biex ir-rikorrent jingħata l-***freedom of movement*** il-Qorti tordna biex l-intimati jikkonformaw ruħhom mas-sentenza għal dan ir-rigward;

L-ispejjeż jitħallsu tliet kwarti mill-intimati u kwart mir-rikorrent";

L-intimati appellaw fuq dawn l-aggravji:

"La taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni Ewropeja m'hemm xi dritt (wisq anqas wieħed fondamentali) ta' barrani li jirrisjedi f'pajjiż esteru;

Mill-provi jirriżulta probabilita` kbira li ż-żwiġijiet kontrattati mir-rikorrenti appellati kienu għall-konvenjenza iktar u iktar meta kienu konxji tar-riskju reali u imminenti li Paul Stoner kien ser jiġi espuls minn Malta. **Is-semblanza** ta' ħajja familjari stabbilita bdiet isseħħ biss fil-mori tal-kawża u kompliet tikber bit-tqala attwali ta' *Evelyn Stoner u bil-konsegwenti twelid;*

Kien jinkombi lir-rikorrenti appellati li jġibu xi prova ta' malafede da parti ta' l-esponenti, iżda dan ma għamlux. Fin-nuqqas, il-Qorti għandha taċċetta l-eżistenza ta' raġuni valida għall-espulsjoni ta' Paul Stoner mingħajr ma tesiġi li dik ir-raġuni tiġi sostanzjata;

Id-deportazzjoni ta' barranin għal raġunijiet ta' sigurta` tikkostitwixxi Att ta' Stat li jaqa' fl-isfera pubblika u f'dik l-

eventwalita` m'hemm ebda kwistjoni dwar jekk hemmx determinazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' akkuża kriminali. Din ir-raġuni aċċettata mill-ewwel Onorabbli Qorti tkompli ssostni t-teżi ta' l-esponenti li ġaladarba huwa hekk, l-esponenti, filwaqt li jibqgħu obbligati li jipproċedu formalment *in accordance with the law*, ma jkunux obbligati li jagħtu raġuni għad-deportazzjoni ta' barranin fl-interess nazzjonali;

L-istess jingħad dwar l-għotja ta' ċittadinanza Maltija fil-Kostituzzjoni, li assolutament ma tiddiskriminax b'mod illegali jew mingħajr ġustifikazzjoni bejn raġel u mara barranin miżżewġin ċittadini Maltin. Dana biex ma jingħadx imbagħad, *illi ebda* allegazzjoni f'dan is-sens ma tista' sservi sabiex tiġi ndikata l-protezzjoni ta' l-artikolu 45 (4) (b) fis-sens li m'hemmx protezzjoni fil-konfront ta' xi liġi (u fil-każ odjern il-liġi hija proprju il-Kostituzzjoni li tirregola l-materja ta' ċittadinanza) safejn dik il-liġi tipprovdi dwar persuni li mhumiex ċittadini ta' Malta. Barra minn hekk, l-artikolu 45 (4) tal-Kostituzzjoni jerġa' jagħmel limitazzjoni espressa għad-dritt ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni wara li ġa` b'mod ġenerali, l-istess Kostituzzjoni kienet għamlet il-limitazzjonijiet ġenerali fl-artikolu 32";

Ir-rikorrenti appellaw ukoll inċidentalment u talbu deċiżjoni fuq l-ilment tagħhom (ta' Evelyn Stoner) illi t-tkeċċija ta' żewġha jikkostitwixxi l-ksur tad-dritt fondamentali tagħha għal-liberta` ta' moviment. Appell dan ġustament meħtieġ in vista ta' l-appell ta' l-intimati biex jassigura illi dan l-aspett tal-vertenza jiġi kkunsidrat u deċiż minn din il-Qorti f'każ li l-appell ta' l-intimati jiġi milqugħ;

Jiġi premess qabel xejn li l-minaċċja li l-intimati qegħdin jikkotestaw u li huma jqisu li qed tikkostitwixxi theddida ta'

vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt diversi aspetti huwa t-tkeċċija *minn Malta ta' Paul Stoner. Huma qed jitolbu illi* d-drittijiet fondamentali tagħhom jiġu mwettqa billi jiġi assigurat illi lil Paul Stoner jingħatalu l-*freedom of movement* fil-pajjiż u li l-intimati konsegwentement jiġu inibiti milli forzatament joħorġuh minn Malta;

Ir-rikorrenti, kif ingħad, u kif irreġistrat fis-sentenza fuq iċċitata, qed jallegaw it-theddid ta' vjolazzjoni ta' diversi drittijiet fondamentali tagħhom protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja, fosthom id-dritt għat-tgawdija tal-ħajja familjari, id-dritt għall-protezzjoni tal-liberta' tal-moviment u d-dritt għall-proċedura quddiem Qorti biex tiddetermina d-drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili tagħhom kif ukoll id-dritt għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. *F'sitwazzjoni ta' komplessita' simili din* il-Qorti hi tal-fehma li għandha l-ewwel tinvestiga jekk l-ilment tar-rikorrenti huwiex ġustifikat u jekk ir-rimedju li qed jitolbu jistax jiġi lilhom akkordat taħt il-liġijiet viġenti. Dana qabel ma tinvesti l-materja minn aspetti aktar komplessi tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem ta' applikazzjoni universali. Hu naturali li jekk l-ilment tar-rikorrenti hu ġustifikat u jista' jiġi rrettifikat bl-applikazzjoni tal-liġijiet indiġeni tal-pajjiż ma jkunx il-każ li l-Qorti tikkonsidra oltre l-materja mill-aspetti l-oħra;

Hu għalhekk li l-Qorti jidhrilha utili li l-vertenza tiġi epurata fid-dawl tal-premessa illi l-minaċċja ta' tkeċċija ta' Paul Stoner minn Malta hu att diskriminatorju billi qed jiġi allegat li l-liġi Maltija *dwar barranin tittratta b'mod differenti lir-raġel mill-mara. Ir-*rikorrenti qed jissottomettu li m'hemm assolutament ebda dubbju illi l-Kostituzzjoni tittratta b'mod differenti mara Maltija miżżewġa barrani milli raġel Malti miżżewweġ barranija;

<u>**Ir-rikorrenti**</u> jissottomettu illi:

Il-prinċipju fondamentali tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni huwa illi ebda trattament differenti ma huwa permissibbli meta dik id-differenza hija oġġettivament inġustifikabbli;

In difett ta' raġuni li ssib ir-riskontru f'esiġenza reali marbuta ma' l-ordni tan-natura, ebda diskriminazzjoni lejn is-sess m'hija permessa;

<u>**L-intimati**</u> jsostnu illi:

Il-liġi Maltija <u>**dwar barranin**</u> ma tiddiksriminax bejn ir-raġel u l-mara b'mod li tnaqqas mid-dritt tat-tgawdija tal-ħajja familjari;

Id-differenza apparenti li hemm fit-trattament bejn ir-raġel u l-mara għandha ġustifikazzjoni raġonevoli f'soċjeta' demokratika, b'konnotazzjonijiet tradizzjonali storiċi, ekonomiċi, ċivili u soċjali;

Ir-rikorrenti jinvokaw l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li jagħti protezzjoni minn diskriminazzjoni. Is-subinċiż 1 ta' dan l-artikolu jipprovdi li:

"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu <u>**ebda liġi**</u> m'għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha;

Is-subinċiż 3 ta' l-istess artikolu jipprovdi illi fl-artikolu l-kelma "diskriminatorju" tfisser "għoti ta' trattament differenti lil diversi persuni attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-

deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ... <u>**is-sess**</u> li minħabba fiha persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu soġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux soġġetti għalihom ...";

Is-subinċiż 4 (b) jipprovdi li dan l-artikolu ma jgħoddx għal xi liġi safejn dik il-liġi tipprovdi "<u>**dwar persuni li ma jkunux ċittadini ta' Malta**</u>";

Ir-rikorrenti qed jikkontendu li s-subinċiż 4 (ċ) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni - li hu ovvjament liġi - hu infatti diskriminatorju fuq bażi ta' sess u għandu jiġi infiċċjat in kwantu jiddiskrimina kontra r-raġel miżżewweġ;

L-artikolu 44 jiddisponi fis-subinċiż (1) illi:

"Ebda <u>**ċittadin**</u> ta' Malta m'għandu jiġi pprivat mil-liberta' *tiegħu ta' moviment u għall-fini ta' dan l-artikolu din il-liberta'* tfisser id-dritt ta' moviment liberu <u>**ġewwa**</u> Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li <u>**joħroġ minn**</u> Malta, u <u>**d-dritt li jidħol**</u> Malta";

Is-subinċiż <u>**4 (ċ)**</u> ta' l-artikolu jiddisponi li għall-finijiet ta' dan l-artikolu kull persuna "li <u>**tkun il-mara**</u> ta' persuna msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu jew ta' persuna li tkun ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 22 (1) u 25 (1) ta' din il-Kostituzzjoni <u>**u tkun qed tgħix ma' dik il-persuna**</u> ... għandha titqies li tkun ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 22 (1) jew 25 (1) ta' din il-Kostituzzjoni;

*Is-subinċiż 1 ta' l-artikolu 25 jipprovdi li kull min (bħar-*

rikorrenti Evelyn Stoner) jitwieled f'Malta fi, jew wara l-ġurnata stabbilita jsir ċittadin ta' Malta fil-ġurnata tat-twelid tiegħu;

Ir-rikorrenti qed isostnu illi s-subinċiż 4 (ċ) ta' l-artikolu 44 hu *diskriminatorju fuq bażi ta' sess in kwantu filwaqt illi kull mara*, tkun xi tkun in-nazzjonalita` tagħha, li tkun miżżewġa lil ċittadin ta' Malta u li jkun hekk sar ċittadin billi jkun twieled Malta, ghandha d-dritt għal-liberta` ta' moviment sħiħ f'Malta, mhux l-istess jista' jingħad għal raġel ta' nazzjonalita` ta' pajjiż ieħor (bħar-rikorrent Paul Stoner) li jkun miżżewweġ ma' mara li tkun ċittadina *Maltija mit-twelid;*

*Jingħad illi mara barranija miżżewġa ma' ċittadin Malti* għandha dritt għal-liberta` ta' moviment għax is-subinċiż 4 (ċ) ta' l-artikolu 44 espressament *jipprovdi li hi għandha* titqies li tkun ċittadina ta' Malta għall-fini ta' dak l-artikolu 44 - ċjoe` għall-fini tal-liberta` ta' moviment. Dan ifisser illi l-mara barranija miżżewġa Malti ma teħtieġx l-ebda permess jew awtorizzazzjoni minn ebda Awtorita` biex takkwista l-liberta` tal-moviment u dan id-dritt fondamentali hi takkwistah bla ebda riserva bl-istess mod u bl-istess estensjoni li jgawdih żewġha, ċittadin ta' Malta u dan bil-fatt biss taż-żwieġ miegħu. Dan id-dritt fondamentali mhuwiex estiż għal raġel barrani - bħar-rikorrent Paul Stoner - miżżewweġ mara li hi ċittadina Maltija;

Id-distinzjoni hi ċara u netta u d-diskriminazzjoni voluta;

Sewwa li jiġi nnotat illi l-leġislatur żamm din id-differenza fit-trattament tas-sessi anke wara l-emenda li ġiet fis-seħħ fl-1 ta' Awissu, *1989 li neħħiet id-diskriminazzjoni bejn in-nisa barranin* miżżewġin ċittadini Maltin, li kienu intitolati biex jiġu kkunsidrati

għar-reġistrazzjoni bħala ċittadini Maltin u l-irġiel barranin miżżewġin nisa ċittadini Maltin li ma kinux hekk intitolati. L-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni issa *jagħti dan id-dritt lil persuna* - ikun xi jkun is-sess tagħha - li tiżżewweġ ċittadin ta' Malta, jiġifieri d-dritt li tkun **irreġistrata** bħala ċittadin. Pero' f'dan il-każ - kuntrarjament għad-dritt ta' liberta' ta' moviment - tali reġistrazzjoni hi soġġetta għal li: "il-Ministru jkun sodisfatt illi l-għoti taċ-ċitaddinanza ma jmurx kontra l-interess pubbliku";

Hu ċar allura illi kieku ma kienx għad-diskriminazzjoni fl-artikolu 44, ir-rikorrent Paul Stoner kien ikollu kull dritt għall-*freedom of movement* li qed jiġi mitlub li jiġi lilu ggarantit b'dan ir-rikors. Dana mhux b'xi konċessjoni imma b'jedd għaliex jitqies li hu kien għal dan il-fini ċittadin ta' Malta. Konsegwentement lanqas jista' jingħad li tapplika għalih l-esklużjoni tas-subinċiż 4 (b) ta' l-artikolu 45 li ma tqisx att diskriminatorju xi liġi safejn dik tipprovdi "dwar persuni li ma jkunux ċittadini ta' Malta";

Dan kollu jwassal għall-konklużjoni illi filwaqt li hu minnu kif sostnew l-appellanti fil-petizzjoni tagħhom illi fl-għotja taċ-ċittadinanza Maltija fil-Kostituzzjoni, din ċertament ma tiddiskriminax b'mod illegali jew mingħajr ġustifikazzjoni bejn raġel u mara barranija miżżewġin ċittadini Maltin, mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tad-dritt għal-liberta' ta' moviment taħt l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni. Hu taħt dan l-aspett li l-ilment tar-rikorrenti jirriżulta ġustifikat. Dan taħt żewġ aspetti:

Għaliex Paul Stoner kien, jekk titneħħa d-diskriminazzjoni, jkun intitolat li jkun meqjus bi dritt ċittadin ta' Malta għall-fini ta' liberta' ta' moviment f'Malta. Konsegwentement, appena l-artikolu jiġi ddikjarat mhux konformi mal-Kostituzzjoni hu awtomatikament

jakkwista d-dritt li jkun meqjus ċittadin ta' Malta għal dan il-fini;

Kif inhi l-liġi llum, Evelyn Stoner, ċittadina ta' Malta, qed issofri diskriminazzjoni billi qed tiġi żvantaġġjata mill-fatt li hi żżewġet ċittadin barrani u dana fil-konfront ta' dawk in-nisa barranin li jiżżewġu ċittadin Malti u fil-konfront ta' dawk **l-irġiel ċittadini Maltin**, li jiżżewġu nisa barranin;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ħafna mis-sottomissjonijiet ta' l-intimati fir-rigward tad-drittijiet ivvantati minn barranin, id-dritt ta' l-Istat li jikkontrolla d-dħul, ir-residenza u l-espulsjoni tagħhom għal raġunijiet ta' sigurta' jew xi raġuni oħra li hija Att ta' Stat jitilfu s-sinifikat tagħhom. Kif jitilfu l-importanza tagħhom konsiderazzjonijiet oħra dwar jekk iż-żwieġ tar-rikorrenti kienx jew le wieħed ta' konvenjenza. Il-Qorti hi sodisfatta li jekk qatt hekk kien fil-bidu (dan kien it-tieni żwieġ ta' Paul Stoner ma' mara ta' ċittadinanza Maltija), illum dan iż-żwieġ jidher li hu konsolidat u reali. Il-liġi fir-rigward tad-dritt għall-ħelsien ta' moviment tirrikjedi *biss l-istat taż-żwieġ u tal-*koabitazzjoni bħala fatt u xejn aktar. Żewġ ċirkostanzi pprovati;

Jibqa' x'jiġi kkunsidrat is-sottomissjoni ta' l-intimati illi "d-differenza apparenti" - li hi minnhom ammessa "għandha ġustifikazzjoni raġonevoli f'soċjeta' demokratika b'konnotazzjonijiet tradizzjonali, storiċi, ekonomiċi, ċivili u soċjali". Il-Qorti tagħmel f'dan ir-rigward is-segwenti konsiderazzjonijiet;

Meta wieħed iqis jekk diskriminazzjoni tistax tiġi ġustifikata minħabba li setgħet tiġi kkunsidrata raġonevoli f'soċjeta' demokratika għar-raġunijiet li l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jippermettu, dan ma jistax jagħmlu *in vacuo*. Dan l-eżerċizzju ta'

apprezzament irid isir in relazzjoni ma' esiġenzi reali u konkreti fil-mument storiku ta' l-iżvilupp tal-pajjiż u tas-soċjeta'. Irid ukoll isir fil-kuntest ta' l-iżvilupp ta' l-ordinament leġislattiv li s-soċjeta' tagħżel biex tirregola l-attivitajiet soċjali tagħha u tal-membri tagħha fit-taqsimiet u differenzi vitali tagħha - f'dan il-każ bejn is-sessi. Il-liġi hi ħaġa ħajja u *dinamika u konsegwentement l-iżvilupp* leġislattiv irid iżomm il-pass ma' *l-iżvilupp soċjali b'mod li l-liġijiet* jiġu adegwati b'mod raġonevoli u organiku biex jaqdu l-esiġenzi soċjali. Hu b'dan il-mod li jiġri li dak li f'ċertu żmien ma jkunx meqjus li jkun diskriminatorju u anzi jkun meħtieġ biex jirregola u jaqdi anke bżonnijiet soċjali, jista' jkun meqjus li jsir diskriminatorju fi żminijiet oħra meta ċ-ċirkostanzi jinbidlu anke b'mod radikali;

Dan qed jingħad għaliex filwaqt li hu minnu kif issottomettew l-intimati illi d-distinzjoni bejn is-sessi fir-rigward tad-dritt *għall-ħelsien* tal-moviment, kienet meħtieġa sa ftit ilu fis-soċjeta' Maltija u kienet verament taqdi bżonnijiet tradizzjonali storiċi, ċivili u ekonomiċi, dan mhux aktar hekk illum. Kienet infatti tirrifletti l-istruttura tal-familja u tas-soċjeta' *Maltija kif* organizzata, kemm fir-realta' kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili qabel ma saru l-emendi estensivi li jirrigwardaw l-*istatus* tal-mara u tal-mara miżżewġa u l-kapaċita' legali tagħha;

Fl-1987, il-Parlament Malti għadda bħala liġi l-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. Iktar tard f'Marzu ta' din is-sena (1991), il-Gvern iffirma il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tneħħija ta' kull Għamla ta' *Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. F'Lulju imbagħad il-*Kostituzzjoni kienet emendata biex tipprovdi rimedju legali għal min isofri diskriminazzjoni minħabba s-sess. Dawn huma tibdiliet radikali fis-soċjeta' u fil-liġijiet immotivati bil-prinċipju illi "il-mara

u r-raġel għandhom ikollhom jeddijiet l-istess";

Dan jingħad fid-daħla għall-*White Paper* "Sħab indaqs fiż-żwieġ - it-Tiġdid tal-Liġi tal-Familja" (Ottubru, 1991) *li ppreċediet* l-emendi ta' l-1993; "Il-Kodiċi Ċivili ta' Malta bħalissa huwa patriarkali fil-qasam tad-drittijiet u l-obbligi fi ħdan il-familja. Sa issa r-raġel hu l-kap assolut tal-familja b'setgħat kbar li jieħu deċiżjonijiet kif ukoll li jamministra l-proprjeta' akkwistata matul iż-żwieġ ... Din l-istruttura hija ħaġa tal-passat li llum ma fadalx post għaliha l-iktar minħabba l-bidliet **soċjali** u **kulturali** li bi ftit il-ftit biddlu ukoll is-soċjeta' Maltija. Il-Kodiċi Ċivili se jinbidel biex jitwarrab il-kunċett li r-raġel biss għandu jkun il-kap tal-familja u minflok jiddaħħal il-kunċett tas-solidarjeta' fir-relazzjonijiet ta' bejn il-konjuġi mibnija fuq l-ugwaljanza bejn il-mara u r-raġel";

Kif hu risaput, fost id-drittijiet li kellu r-raġel bħala kap tal-familja taħt il-Kodiċi Ċivili kif kien, kien hemm dak li jistabbilixxi d-dar konjugali. Artikolu 4 (3) tal-Kodiċi biex jipprovdi li l-mara "għandha tgħammar miegħu - ċjoe' ma żewġha - u **tmur miegħu** kull fejn jidhirlu sewwa li jagħmel id-dar taż-żwieġ". Dritt dan li spiċċa in kwantu d-dar taż-żwieġ illum għandha tiġi stabbilita f'lok li jintgħażel bejn il-miżżewġin. Kien allura naturali li l-Kostituzzjoni tipprovdi għal dik l-esiġenza soċjali billi tassigura li l-mara barranija ta' ċittadin Malti tingħata *ex lege* u minnufih bla ebda deroga, **maż-żwieġ** id-dritt għall-*freedom of movement* fit-territorju nazzjonali. Dan sabiex tipproteġi l-figura tar-raġel bħala kap tal-familja, tassiguralu l-awtorita' tiegħu u tagħmel posibbli li l-mara barranija tiegħu tkun tista', bla xkiel u anke bla skużi taqdi d-dover prinċipali lejn żewġha li tgħammar miegħu. Dak li mad-daqqa *t'għajn seta'* jidher bħala konċessjoni lill-mara barranija kontra r-raġel barrani kienet in effeti protezzjoni tad-dritt ta' l-awtorita' fiż-żwieġ u fil-

familja tar-raġel ċittadin Malti li jiżżewwweġ barranija. Una volta spiċċat il-ħtieġa ta' tali protezzjoni, din il-Qorti ma ssibx li għad hemm lok ta' tali diskriminazzjoni fil-Kostituzzjoni. Dak li kien validu allura m'għadux aktar validu illum u ċertament mhux aktar meħtieġ fis-soċjeta` demokratika ta' Malta;

Din il-Qorti qed tiddikjara għalhekk illi l-provvediment tas-subinċiż 4 (ċ) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni in kwantu jeskludi minn dak il-benefiċċju tal-*freedom of movement* lir-raġel baranni miżżewweġ ċittadina ta' Malta, hu diskriminatorju, mhux konformi mal-Kostituzzjoni u bħala tali leżiv tad-drittijiet fondamentali kemm tal-mara ċittadina Maltija miżżewġa barrani, kif ukoll ta' l-istess barrani żewġha li bl-istess Kostituzzjoni għandu issa jitqies li hu ċittadin ta' Malta għall-fini ta' l-artikolu 44;

Hu nnotat illi r-rikorrenti Evelyn Stoner issottomettiet ukoll li kien hemm diskriminazzjoni fl-*Immigration Act* Chap. 217 fis-sens li l-artikolu 4 (1) tat-Taqsima III (Immigranti Projbiti) ta' dak l-Att jekk jinqara fl-isfond ta' l-artikolu 44 (4) (ċ) tal-Kostituzzjoni kif kien sal-lum jiddiskrimina fil-konfront tagħha. Fuq dan l-aggravju, pero`, il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti illi: "dan l-artikolu ma jiddiskriminax għal dak li jirrigwarda *exempt persons*, iżda hu in konflitt ma' l-artikolu 44 (4) (ċ)". Dana kif inhu sal-lum redatt. Ma jibqax hekk in konflitt, una volta tiġi eliminata d-diskriminazzjoni li din il-Qorti qed tirravviża fl-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni;

Finalment din il-Qorti jidhrilha li mhux meħtieġ - kif fuq ġa` aċċennat - illi teżamina l-aggravji l-oħra avvanzati mill-intimati fl-appell prinċipali u mir-rikorrenti fl-appell inċidentali tagħhom. Una volta l-Qorti rriskontrat id-diskriminazzjoni fit-termini tal-

familja tar-raġel ċittadin Malti li jiżżewwweġ barranija. Una volta spiċċat il-ħtieġa ta' tali protezzjoni, din il-Qorti ma ssibx li għad hemm lok ta' tali diskriminazzjoni fil-Kostituzzjoni. Dak li kien validu allura m'għadux aktar validu illum u ċertament mhux aktar meħtieġ fis-soċjeta' *demokratika ta' Malta;*

Din il-Qorti qed tiddikjara għalhekk illi l-provvediment tas-subinċiż 4 (ċ) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni in kwantu jeskludi minn dak il-benefiċċju tal-*freedom of movement* lir-raġel baranni miżżewweġ ċittadina ta' Malta, hu diskriminatorju, mhux konformi *mal-Kostituzzjoni* u bħala tali *leżiv tad-drittijiet fondamentali kemm* tal-mara ċittadina Maltija miżżewġa barrani, kif ukoll ta' l-istess barrani żewġha li bl-istess Kostituzzjoni għandu issa jitqies li hu ċittadin ta' Malta għall-fini ta' l-artikolu 44;

Hu nnotat illi r-rikorrenti Evelyn Stoner issottomettiet ukoll li kien hemm diskriminazzjoni fl-*Immigration Act* Chap. 217 fis-sens li l-artikolu 4 (1) tat-Taqsima III (Immigranti Projbiti) ta' dak l-Att jekk jinqara fl-isfond ta' l-artikolu 44 (4) (ċ) tal-*Kostituzzjoni* kif kien sal-lum jiddiskrimina fil-konfront tagħha. Fuq dan l-aggravju, pero', il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti illi: "dan l-artikolu ma jiddiskriminax għal dak li jirrigwarda *exempt persons*, iżda hu in konflitt ma' l-artikolu 44 (4) (ċ)". Dana kif inhu sal-lum redatt. Ma jibqax hekk *in konflitt*, una volta tiġi eliminata d-diskriminazzjoni li din il-Qorti qed tirravviża fl-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni;

Finalment din il-Qorti jidhrilha li mhux meħtieġ - kif fuq ġa' aċċennat - illi *teżamina* l-aggravji l-oħra avvanzati *mill-intimati fl-*appell prinċipali u mir-rikorrenti fl-appell inċidentali tagħhom. Una volta l-Qorti rriskontrat id-diskriminazzjoni fit-termini tal-

Kostituzzjoni li tinħtieġ rimedju u una volta tali vjolazzjoni ser tiġi adegwatament rimedjata anke fit-termini preċiżi mitluba mill-istess rikorrenti, mhux il-każ li din il-Qorti tinoltra ruħha f'eżerċizzju akkademiku jekk l-istess fatti jagħtux lok għal aktar minn vjolazzjoni waħda tad-drittijiet fondamentali. *Multo magis* meta tali vjolazzjoni ser tiġi rettifikata fil-kuntest tal-leġislazzjoni eżistenti, anke jekk l-istrument leġislattiv involut hu l-istess Kostituzzjoni;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li s-subinċiż 4 (ċ) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hu illum diskriminatorju sew fih innifsu kif ukoll fl-effetti tiegħu minħabba sess *ai termini* ta' l-artikolu 45 ta' l-istess Kostituzzjoni u dana in kwantu jittratta b'mod differenti r-raġel barrani ta' mara ċittadina ta' Malta, minn mara barranija ta' raġel ċittadin ta' Malta. B'mod li qed jiġi allura vvjolat id-dritt tal-*freedom of movement* kemm tar-rikorrenti Evelyn Stoner, ċittadina Maltija, kif ukoll ta' żewġha barrani, ir-rikorrenti Paul Stoner;

Konsegwentement tordna illi r-rikorrent Paul Stoner jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' l-artikolu 44 ta' l-istess Kostituzzjoni li hu intitolat għall-*freedom of movement* daqslikieku kien mara barranija miżżewġa lil ċittadin ta' Malta;

*Sa hawn, u sa fejn applikabbli, il-Qorti qed tikkonferma s-*sentenza appellata, waqt li tirriserva lill-kontendenti d-dritt ta' rikors ulterjuri fuq aspetti oħra tal-vertenza *si et quatenus*. Il-Qorti tordna lill-intimati biex jikkonformaw ruħhom ma' din is-sentenza fir-rigward tal-*freedom of movement* ta' l-istess Paul Stoner;

Il-Qorti rat l-artikolu 242 tal-Kap. 12 kif emendat u tornda

lir-Reġistratur li jibgħat kopja uffiċjali ta' din is-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati biex iqiegħed kopja tagħha fuq il-mejda tal-kamra kif ipprovdut fl-istess disposizzjoni;

L-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif diġa' deċiżi, waqt li dawk ta' l-appell, stante n-novita' tal-punt ta' liġi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.